**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**S**eduta Distrett Mosta

**Illum: 21 ta' Gunju 2024**;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Joseph Camilleri** ta' 66 sena iben Emanuel u Giorgia Camilleri nee Farrugia imwieled il-Belt nhar l-20-06-1956 u resident gewwa 194, Sunny Hills, Flat 8, Triq Patri Guze Delia, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 412756M

Akkuzat talli f' dawn il-gzejjer u cioe nhar it-18 ta' Ottubru 2022 bejn is-7:00hrs u s-13:00hrs gewwa 194, Sunny Hills, Flat 1, fi Triq Patri Guze Delia, Mosta:

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel il-hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil Christina Camilleri thallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkilt lill-istess Christina Camilleri fil-pussess ta’ hwejjigha, jew hattejt bini, jew b’ xi mod iehor kontra l-ligi indhalt fi hwejjigha. Art 85 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet tad-19 ta’ April 2024[1].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni minn naha tal-kwerelanta Christina Camilleri li kienet tikri l-fond 194, Sunny Hills, Flat 1, fi Triq Patri Guze Delia, Mosta li l-imputat biddel is-sellatura tal-appartament

[1] Folio 57 tal-process.

tieghu u li kien mikri lilha kif ukoll li zamm ghandu hwejjeg li kienu taghha.

Minn naha tieghu l-imputat jghid li fit-18 ta' Ottubru 2022 il-kirja kienet terminata u ghalhekk kellu kull dritt ibiddel is-sellatura. Jghid ukoll li hu zamm xi oggetti li kienu fil-flat li kien mikri lill-kwerelanta u li hu tieghu minhabba li hija ghamlet diversi hsarat fil-fond u li ma ghamlitx tajjeb ghalihom.

**Provi**

Xehed **PS 1553 F. Mizzi** permezz ta' affidavit fejn qal li fit-18 ta' Ottubru 2022 marret Christine Camilleri u qaltlu li Joseph Camilleri ma jridx jaghtiha l-affarijiet personali taghha minn gewwa l-appartament li hu kien krielha. Tghid li hija marret ma' missierha certa Antonio Camilleri fejn innutaw li t-tibdil tas-sellatura u ghalhekk ma setetx tidhol u tiehu l-affarijiet taghha.

L-ghada 19 ta' Ottubru 2022 sejjah lil Joseph Camilleri u wara li tah id-drittijiet tieghu skond il-ligi ghazel li jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti. Hu qal li l-kwerelanta kienet inkwilina tieghu u bdiet taghmel diversi hsarat fil-fond. Jghid li kienu fthiemu b'mod verbali li kellha titlaq fis-17 ta' Ottubru 2022 pero' t-termination agreement qatt ma gie iffirmat. Hu baghtilha zewg messaggi biex ifakkarha li fis-17 ta' Ottubru kellha titlaq pero' hija qatt ma irrispondietu fuq Whatsapp. Jghid li b'hekk il-kuntratt kien inghalaq '**u l-post gie tieghu u b'hekk biddel is-sellatura**'.[2] Isostni li hu sab numru kbir ta' hsarat u zbarazza l-propjeta' minn kwantita' kbira ta' zibel. Sostna li '***huwa ma riedx itiha l-***

[2] Pagna 2 tal-affidavit.

***affarijiet lura***’ ghax ‘**il-valur li kien hemm kienu jissuperaw il-valur tal-affarijiet li hija kienet halliet fl-appartament. Huwa allura zammhom, sakemm hija kienet ser thallas ghal-hsarat.**’[3]

Xehdet **Christina Camilleri** nhar l-1 ta’ Dicembru 2023 u tghid li l-imputat kien il-landlord taghha. Tghid li fit-8 ta’ Ottubru l-imputat beda joffendiha ghax kellha t-tieqa miftuha u hi qaltlu li ha taqtaghlu t-telefonata jekk jibqa’ jkellimha hekk. Hija cemplet lil missierha biex imur hdejha. Hu baqa’ icemplilha waqt it-telefonata ma’ missierha u hija ma irrisponditux. Tghid li beda jghajjat minn quddiem il-bieb biex hija tiftahlu u qaltlu li ma kinitx ser tiftahlu u ma ghandux dritt jidhol hemm. Tghid li fetah il-fond bic-cavetta tieghu u beda jaghtiha. Dan dam xi ftit minuti li hassithom sieghat. Beda jaghtiha fuq wicca u hija tatu daqqa fuq siequ. It-tifel beda jibki dak il-hin. Il-mobile li kien f’ idejha waqa mal-art. Qalilha biex jirrangaw in a friendly way. Cemplet lill-pulizija wara li kellmet lil missierha. Dawn imbaghad waslu flimkien. Tghid li kien hemm drabi ohra fejn beda jghajjat u joffendiha fuq il-mobile. Tghid li marret il-polyclinic u wara xi granet marret ghand il-psikoterapista.

Tghid li kienu qablu li fl-17th li tohrog mill-post u hija fit- 8 ta’ Ottubru diga’ kienet qed tippakkja. Tghid li hu beda jgib ruhu maghha b’mod wierd u kienet unblokkjatu u meta regghet nehhietu mill-block sabet il-messagg.

Kontro-ezaminata tghid li ma hassithiex li kellha taghmel rapporti fuq l-imputat qabel. Taqbel li l-akkuzat joqghod fl-istess blokka u fil-

[3] Pagna 3 tal-affidavit.

penthouse. Taqbel li fl-ahhar gimgha l-kuntatt li kien hemm kien minhabba il-hsarat. Tghid li l-ex taghha kien kisser bieb u mejda u qalet lill-imputat li kien jiddispjaciha li gara dan.

Xehed **Antoine Camilleri** nhar l-1 ta' Dicembru 2023 u qal li jigi missier il-kwerelanta u li l-imputat kien kera appartament lil bintu. Jghid li bintu cemplitlu li kienet qed tigi imsawwta mill-imputat. Isostni li mar ghandha u hadilha lit-tifel u pppruva jikkalmaha. Jghid li innutalha daqqa fuq wiccha. Wara hadha id-dar ghandu. Jghid li marru jigbru l-affarijiet personali taghha imma sabu il-lock mibdul. **Jghid li anki wara li kellmuh il-pulizija, hu ma riedx jaghtha l-affarijiet lura. Jghid li l-affarijiet ingabbru wara xi xahrejn.**

Xehed l-imputat **Joseph Camilleri** nhar id-19 ta' April 2024 u jikkonferma li kien kera l-appartament lill-kwerelanta. Innota diversi hsarat. Jghid li hija kellha imhallas sas-17 ta' Ottubru u qallilha biex tohrog mill-fond minhabba li ma bdietx tiehu hsiebu. Hija qablet. Jikkonferma li fit-8 ta' Ottubru kien avvicinaha biex taghlaq it-tieqa minhabba l-blinds u hija qatghetlu. Jghid li nizel isfel u habbtilha l-bieb. Qalilha biex tohrog barra ghax ried ikellimha. Stenniha pero' ma gietx. Hu fetah il-bieb u sabha isterika[4]. Bdiet tghajjat ghall-ghajjut tal-pulizija. Jichad li sawwatha jew li laqatilha l-mobile. Qal li wara 8 ta' Ottubru hu kien qalilha biex tigbor hwejjigha ghax baqa' maghha li fis-17 ta' Ottubru kellha titlaq. **Jghid li hadilha li ma ghadiex tuza u zraben. Mhux valuables.**[5] Jghid li wara li hadilha l-affarijiet ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom.

[4] Pagna 6 tax-xhieda.
[5] Folio 15 tax-xhieda.

Waqt li hu gie kontro-ezaminat baqa' jichad li hu aggredixxa lill-kwerelanta. Jikkonferma li l-incident kien fuq il-blinds li kienu qed iperpru.[6] Ma jafx kif graw il-griehi.[7]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tghid is-segwenti fuq il-materja ta' *ragion fattasi*, ossija l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

**85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:**

**Ikkunsidrat:**

[6] Pagna 26 tax-xhieda.
[7] Pagna 29 tax-xhieda.

Fil-kawza il-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

***'L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espresa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b'esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***
4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi l-fatt aktar gravi.'***[8]

Ikompli jinghad fl-istess sentenza:

***'Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk ikun qieghed juzurpa f' sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.'***[9]

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Scicluna omissis** (App. Nru. 234/2107) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 31 ta' Lulju 2019 per Onor. Imhallef Edwina Grima gie riaffermat:

[8] Ara ukoll f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) vs Joseph Aquilina** (App. Nru. 92/2015) deciza fis-26 ta' marzu 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imhallef Giovanni M. Grixti.

[9] Ara il-gurisprudenza imsemmija minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs George Bartolo** deciza fil-25 ta' Novembru 2022.

‘***Jinghad biss illi anke is-semplici detenzjoni jew dritt ta’ tgawdija jew uzu huwa bizzejjed sabiex jissussisti r-reat u dan meta bl-att materjali l-parti leza tigi imcahhda milli tkompli b’ dan l’uzu jew din it-tgawdija.***[10]‘

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnotat li l-kaz imur lura ghat-18 ta’ Ottubru 2022 meta l-kwerelanta marra tigbor l-affarijiet taghha mill-fond li kien mikri lilha mill-imputat. Meta marret hemm ma’ missierha sabet:

1. Ic-cavetta tal-fond mibdula minghajr il-kunsens taghha;
2. Ma setetx taccedi ghall-affarijiet personali taghha;
3. Meta l-imputat gie ikkuntatjat mill-pulizija dan ammetta li biddel ic-cavetta ghax qal li l-kera kienet skadiet u ammetta ukoll li zamm il-hwejjeg tal-kwerelanta bhala rahan ghal fatt li hija ghamlet diversi hsarat fil-fond u li ma kienx lest li jghaddilha hwejjigha sakemm jithallas tal-hsarat.
4. L-oggetti inghataw lura lill-kwerelanata xi xaghrejn wara l-fatt.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi jemergi li l-elementi ta’ *ragio fattasi* jirrizultaw anki jekk din il-Qorti ghal grazzja tal-argument biss kellha taccetta li l-imputat kellu dritt li jbiddel ic-cavetta tal-fond ghax kien hemm qbil li l-kirja

[10] Pagna 5.

kellha tispicca fis-17 ta' Ottubru 2022, liema qbil il-Qorti ghandha ukoll dubbju fuqu. L-imputat fix-xhieda estensiva tieghu jorbot il-jeddijiet tieghu ghar-rimbors ta' hsarat ma' dan l-agir tieghu. Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan. Ladarba l-imputat dehrlu li l-kwerelanta kienet ghamlet xi hsarat fil-fond kellu diversi toroq quddiemu. Barra li jaghmel rapport kontrija ta' hsara volontarja jew involontarja lill-pulizija ezekuttiva, seta jipprocedi jew quddiem il-Qrati Civili jew inkellha quddiem il-Bord li jirregola il-Kera skond il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dan ma ghamel xejn u minnflok iddecieda li jiehu l-ligi b'idejh billi mhux biss biddel is-sellatura tal-fond li kienet tokkupa l-inkwilina u ma avzahhiex ta' dan izda ukoll zamm hwejjigha ghall-perjodu twil fil u wara t-18 ta' Ottubru 2022. Dan l-agir zgur li ma kien ta' l-ebda beneficcju ghall-kwerelanta.[11]

B'hekk fixkel lil Christina Camilleri fil-pussess ta' hwejjigha, ippretenda li kellu xi dritt li jaghmel dan u ndahal kontra l-ligi fil-hwejjeg ta' haddiehor.

Ghalhekk l-elementi kostituttivi tar-reat ta' raggion fattasi addebitat lill-imputat jinsabu pruvati.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib l-imputat **JOSEPH CAMILLERI HATI** tal-akkuza taht l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet

[11] Ara a kontrarju sensu dak li gie deciz recentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil kawza **Il-Pulizija vs Anna Vella Wismayer** ( App. Nru. 362/2023) per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.

ta’ Malta u qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din is-sentenza qed tinghata bla pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lill-imputat taht il-ligijiet civili.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car il-konsegwenzi ta’ din is-sentenza, l-obbligi tieghu taht l-istess u x’jigri jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur